



TAĦDEM FIS-SETTUR TAL-HORECA?

Ipproteġi
d-drittijiet tiegħek
illum, żgura l-futur
tiegħek għada!

INTI ĦADDIEM STAĠJONALI MOBBLI FIS- SETTUR TAL-HORECA FL- UE?

Bħala ħaddiem staġjonali, għandek id-dritt **għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u trasparenti** u li tgawdi l-istess drittijiet **soċjali u tax-xogħol** bħall-ħaddiema lokali, irrispettivament minn fejn taħdem fl-UE.

Id-drittijiet tiegħek bħala ħaddiem staġjonali

Impjieġ legali u ddikjarat

Għandek id-dritt li taħdem b'mod legali u ddikjarat. Dan ifisser li:

- Ikun hemm **kuntratt legali** fis-seħħ.
- L-impjieġ tiegħek huwa rreġistrat mal-istituzzjonijiet xierqa, bħas-**sigurtà soċjali u l-awtoritajiet tat-taxxa**.
- Il-**kundizzjonijiet tax-xogħol**, il-paga u l-benefiċċji tiegħek huma definiti b'mod ċar, legali, u rrispettati

Dawn id-dispożizzjonijiet jagħtuk aċċess għal:

- **Kura tas-saħħa** u benefiċċji tal-familja.
- Protezzjoni f'każijiet ta' **qgħad**, mard okkupazzjonali, jew korrimment.
- **Pensjoni** għall-futur.

Informazzjoni essenzjali dwar l-impjieġ tiegħek

Trid tirċievi informazzjoni ċara u bil-miktub dwar l-impjieġ tiegħek, inkluż:

- Dettalji dwar ek u dwar l-impjegatur tiegħek
- **Post tax-xogħol**
- It-**titlu tal-impjieġ**, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tiegħek
- **Dati tal-bidu u tat-tmiem** (jekk applikabbli)
- **Perjodu ta' prova** (jekk ikun hemm)
- **Intitolamenti għat-taħriġ** (jekk ikun hemm)
- **Intitolamenti għal-leave** imħallas
- Proċeduri **għat-terminazzjoni tal-impjieġ** tiegħek
- Dettalji dwar **il-paga**, is-supplimenti u l-frekwenza tal-pagamenti tiegħek
- **Sigħat tax-xogħol**, xiftijiet, u arranġamenti għas-sahra
- **Ftehimiet kollettivi** applikabbli għall-impjieġ tiegħek
- Dettalji dwar **is-sigurtà soċjali**
- Għall-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija: informazzjoni dwar il-kumpaniji li se taħdem magħhom, hekk kif tkun magħrufa.

Nota: Regoli speċifiċi għal xogħol staġjonali jew għas-settur tal-HORECA jistgħu japplikaw fil-pajjiż tax-xogħol tiegħek, li jinfluwenzaw il-paga, is-sigħat tax-xogħol, il-jiem ta' leave tiegħek, eċċ.

Trattament ġust u mhux diskriminatorju

Int intitolat għal trattament ġust irrispettivament **mis-sess, ir-razza jew l-etniċità, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età**, jew **l-orjentazzjoni sesswali** tiegħek. **Id-diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità** hija strettament ipprojbata fl-UE.

Protezzjoni addizzjonali:

Jekk int **adoloxxenti, tqila, jew kellek tarbija reċentement**, l-impjegatur tiegħek irid jieħu miżuri biex jipproteġi saħħtek u l-benesseri tiegħek. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu aġġustamenti:

- Fil-kompiti tiegħek
- Fis-sigħat tax-xogħol jew fl-iskeda
- Fil-protezzjoni minn sustanzi perikolużi

Fis-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol

L-impjegatur tiegħek huwa responsabbli biex:

- Jinfirmak dwar kwalunkwe riskju relatat mal-impjieg
- Jipprovdi lek taħriġ dwar is-saħħa u s-sikurezza
- Jiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u jirrispetta l-prattiki tal-iġjene

Għal iktar dettalji:

- Tgħalliem dwar l-obbligi tal-impjegatur għall-ħaddiema adoloxxenti: https://europa.eu/youreurope/business/human-resources/employment-contracts/teenage-workers/index_en.htm
- Tgħalliem dwar it-trattament ugwali tal-ħaddiema: https://europa.eu/youreurope/business/human-resources/equal-treatment-qualifications/equal-treatment/index_en.htm

Teħtieġ parir jew assistenza?

Jekk għandek mistoqsijiet jew teħtieġ appoġġ:

- Staqsi lill-impjegatur tiegħek
- Fittex parir minn **awtoritajiet tax-xogħol lokali, trade unions**, jew organizzazzjonijiet ta' assistenza
- Ikkuntattja l-eqreb **uffiċċju tal-EURES** tiegħek: <https://europa.eu/eures/portal/um/search-for-advisers?lang=en>

Riżorsi utli:

- Informazzjoni dwar il-**kuntratti ta' impjieg fl-UE**: https://europa.eu/youreurope/citizens/work/work-abroad/employment-contracts/index_en.htm
- Aktar dwar il-**ftehimiet kollettivi: ikkuntattja lill-union rilevanti fil-pajjiż fejn taħdem**



EUROPEAN LABOUR AUTHORITY

European Labour Authority

Landererova 12, 811 09 Bratislava - Slovakia

info@ela.europa.eu

www.ela.europa.eu



**Find out more
on the European
Labour
Authority
website**

Sir af aktar fuq is-sit web tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol

© Awtorità Ewropea tax-Xogħol, 2025

La l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem l-ELA mhija responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni f'dan id-dokument. Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata dment li ssir referenza għas-sors. Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-dritt tal-awtur tal-ELA, irid jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Drittijiet tal-awtur tal-immaġnijiet: © iStock.com/Hilch

Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025

Print ISBN 978-92-9401-915-8 doi:10.2883/8105902 HP-01-25-014-MT-C

PDF ISBN 978-92-9401-914-1 doi:10.2883/3651514 HP-01-25-014-MT-N

FAIR HORECA IN EU



Work is seasonal. Rights are not